MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 524/2004

**Alfred Oliva**

**Vs**

**Victor Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta Marzu 2004 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma
ta mitt lira (Lm100) rapprezentanti valur ta gakketta tal-gilda li l-
konvenut naqas li jirritornalu wara li hallihielu ghall-alterazzjonijiet
stante li l-gakketta ritornata ma kinietx l-istess bhal dik moghtija lill-
konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 25 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta t-talba tal-attur stante li qed jallega li huwa rritorna lura l-istess gakketta li kien tah il-konvenut.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna semplicement kwistjoni bejn il-partijiet fuq jekk il-gakketta ritornata hijiex l-istess wahda moghtija lill-konvenut o meno. Hija kwistjoni ta kredibbilita oltre ghall-fatt pero li l-oneru tal-prova tinkombi interament fuq l-attur biex jissoddisfa lil dan it-Tribunal fuq l-allegazzjoni tieghu. Fix-xhieda tieghu l-attur ighid li huwa cert li mhux si tratta ta l-istess gakketta peress li dik li nghata lura kienet (a) aktar qadima (b) fuq in-naha ta wara fuq l-ispallejn hija aktar skura u (c) kienet ta ghamla taljana flok russa. Dwar din l-ahhar spjegazzjoni, t-Tribunal jesprimi dubbji serji kemm l-attur huwiex midhla o meno ta gkieket russi u jew taljani. Inoltre jinghad ukoll li l-ircevuta li tah Reno Gatt (minnghand min kien xtraha) esebita bhala Dok AL1 ma hiex proprja ricevuta peress li din kien ghamilha wara li nqala l-kaz biex jindika x'kien inxtara u mhux inharget fil-mument tal-bejgh. Illi ghalhekk tali dokument aktar jista jitqies bhala dikjarazzjoni milli bhala ricevuta vera u proprja. Fi kwalunkwe kaz pero dan Reno Gatt jikkonferma bil-gurament tieghu li kien biegh gakketta tal-gilda lill-attur ghal prezz ta Lm100 u meta muri il-gakketta quddiem it-Tribunal, huwa jallega li ma kinietx l-istess wahda peress illi l-gakketta li biegh kienet ta (a) gilda ehxen, (b) aktar skura u (c) disinn differenti. Hawn ta min jinnota wkoll li ebda wahda mid-deskrizzjonjiet differenzjali fuq il-gkieket msemmija bejn l-attur u x-xhud ma jaqblu. Meta mistoqsi fuq id-dokument esebit bhala Dok AL 1, huwa jsostni li ma jafx jikteb u li kien iffirmha ghall-iskop biss biex jikkonferma li kien irceva Lm100 minnghand l-attur. Meta rega xehed l-attur u esebixxa il-gakketta bhala Dok AO1, zied ighid li l-gakketta proprja tieghu kienet ta gilda vera filwaqt li dik esebita kienet *imitation.* Apparti minn dan ighid ukoll li l-gakketta tieghu kienet size 2 filwaqt li dik esebita fiha size

3. Ighid ukoll li anke l-ghonq kien differenti peress li kellu hu kellha zip fl-ghonq li jibqa tiela l-fuq.

Illi ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunita li jressaq il-provi tieghu fis-seduta tat-12 ta Lulju 2006 u fl-20 ta Novembru 2006, huwa mhux biss naqas li jaghmel dan izda lanqas biss deher fiz-zewg seduti. Illi ghalhekk ma ngiebu ebda provi kontrarji ghal dawk imressqa mill-attur.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa t-talba tal-attur u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta mitt lira (Lm100) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentatata ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------